Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 324 tal-2020

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru għall-Perjodu 2020–2021)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u bir-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u bir-regolamenti 3 u 4 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Sabiex Tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru), il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru għall-Perjodu 2020–2021).

Tifsir .

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir mogħtija lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

L.S. 549.42.

Restrizzjonijiet ta' kontroll.

3. Din id-deroga għandha tapplika biss għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u *Columba livia*, u għall-kontroll, permezz ta' rilokazzjoni, ta' għasafar oħra li jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tal-ajru, inkluż it-twaħħil ta' geo-locators fuq sa ħames (5) kampjuni ta' bagħdan (*Circus* spp.) skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-liċenzja speċjali.

Kontroll skont qafas speċifikat.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u *Columba livia* u l-kontroll, permezz ta' rilokazzjoni, ta' għasafar oħra li jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tal-ajru, għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Sabiex Tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru) u r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

L.S. 549.85.

Stabbiliment tal-perjodu għall-kontroll.

5. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgari* u *Columba livia*, u l-kontroll permezz ta' rilokazzjoni ta' għasafar oħra li jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tal-ajru, għandu jkun mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, iż-żewġ dati inklużi.